**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 20 ta' Jannar, 2021**

**Rikors Guramentat Nru: 781/2020 AF**

**Association of Airline Pilots Malta (ALPA) f'isimha proprju u ghan-nom u fl-interess ta'**

**George Muscat,**

**Matthew De Giorgio,**

**Carmelo Gauci,**

**Bernard Herrera,**

**Matthew Warrington,**

**Godfrey Borg,**

**Omar Bugeja,**

**Mario Zammit,**

**Mark Andrew Attard,**

**Shawn Abela,**

**Antoinette Grech,**

**Veronica Mizzi,**

**Adriano Schembri,**

**Sandro Mizzi,**

**Clyde Haber,**

**Karl Galea,**

**Marco Lucia,**

**Garrett Zerafa,**

**Ryan Azzopardi,**

**Jason Taliana,**

**Shawn Camenzuli,**

**Ramon Portelli,**

**Simon Warrington**

**Ian Alexander u li fil-verbal tas-seduta tal-5 ta' Ottubru 2020 il-Qorti laqghet it-talba u ordnat il-korrezzjoni tal-isem u minflok "Ian Alexander" irid jaqra "Ian Alexander Micallef",**

**Malcolm Jones,**

**Chris Borg Barthet u li fil-verbal tas-seduta tal-5 ta' Ottubru 2020 il-Qorti laqghet it-talba u ordnat il-**

**korrezzjoni tal-isem u minflok "Chris Borg Barthet" irid jaqra "Christopher Borg Barthet",**

**Giovanni Piscopo,**

**Glenn Fenech,**

**Glenn Charles Grech,**

**Andrew Agius,**

**Paul Sultana,**

**Samuel Spiteri,**

**Mariella Gatt,**

**Marouska Attard,**

**Malcolm Agius,**

**René Cutajar,**

**Josef Pirotta,**

**Jeremy Scicluna u li fil-verbal tas-seduta tal-5 ta' Ottubru 2020 il-Qorti laqghet it-talba u ordnat il-korrezzjoni tal-isem u minflok "Jeremy Scicluna" irid jaqra "Jeremy John Scicluna",**

**Byron Fenech,**

**John De Carlo,**

**André Manicolo,**

**Robert Farrugia,**

**Christopher Gatt,**

**Kristian Mark u li fil-verbal tas-seduta tal-5 ta' Ottubru 2020 il-Qorti laqghet it-talba u ordnat il-korrezzjoni tal-isem u minflok "Kristian Mark" irid jaqra "Kristian Mark Farrugia",**

**Robert Lautier,**

**Stephen Schembri**

**vs**

**L-Onorevoli Prim Ministru**

**L-Onorevoli Ministru ghall-Ekonomija, Investiment u Intraprizi Zghar**

**L-Onorevoli Ministru ghat-Turizmu u ghall-Protezzjoni tal-Konsumatur**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal- Association of Airline Pilots Malta (ALPA) f'isimha proprju u ghan-nom u fl-interess ta' George Muscat, Matthew De Giorgio, Carmelo Gauci, Bernard Herrera, Matthew Warrington, Godfrey Borg, Omar Bugeja, Mario Zammit, Mark Andrew Attard, Shawn Abela, Antoinette Grech, Veronica Mizzi, Adriano Schembri, Sandro Mizzi, Clyde Haber, Karl Galea, Marco Lucia, Garrett Zerafa, Ryan Azzopardi, Jason Taliana, Shawn Camenzuli, Ramon Portelli, Simon Warrington, Ian Alexander, Malcolm Jones, Chris Borg Barthet, Giovanni Piscopo, Glenn Fenech, Glenn Charles Grech, Andrew Agius, Paul Sultana, Samuel Spiteri, Mariella Gatt, Marouska Attard, Malcolm Agius, René Cutajar, Josef Pirotta, Jeremy Scicluna, Byron Fenech, John De Carlo, André Manicolo, Robert Farrugia,

Christopher Gatt, Kristian Mark, Robert Lautier, Stephen Schembri, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Nhar is-sitta u għoxrin ta' Jannar tas-sena elfejn u tmintax (26.01.2018) ġie konkluż Ftehim Kollettiv bejn l-Assoċjazzjoni attriċi u l-kumpanija Air Malta p.l.c. (C 2685) ['*Collective Agreement between Air Malta and the Association of Airline Pilots (ALPA) – 1st January 2018 – 31st December 2022*'], liema Ftehim Kollettiv jirregola l-kondizzjonijiet ta' impieg tal-bdoti impjegati mal-istess kumpanija sa nhar il-wieħed u tletin ta' Diċembru tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (31.12.2022), jew sa dak inhar li jiġi konkluz u ffirmat Ftehim Kollettiv ġdid ('Dok. ALPA 1').

Dak inhar stess, *ossia* nhar is-sitta u għoxrin ta' Jannar tas-sena elfejn u tmintax (26.01.2018), ġie konkluż u ffirmat ukoll ftehim separat bejn l-Assoċjazzjoni attriċi u l-Gvern ta' Malta, permezz ta' liema l-Istat Malti obbliga ruħu li **"...jagħti garanzija ta' xogħol ġo Malta u take home pay lill-piloti, skond il-kundizzjonijiet emerġenti mill-Ftehim Kollettiv iffirmat illum stess. Din il-garanzija qed tingħata sad-data tal-iffirmar ta' Ftehim Kollettiv bejn l-Air Malta plc u l-ALPA (jiġifieri l-Ftehim Kollettiv li jsegwi dak iffirmat illum), li għandu jiġi konkluż u ffirmat fi żmien raġjonevoli wara l-iskadenza tal-Ftehim Kollettiv preżenti" ('Dok. ALPA 2')**.

Dawn l-obbligi ġew assunti mill-Gvern ta' Malta fil-konfront tal-bdoti li kienu impjegati mal-kumpanija Air Malta p.l.c. dak inhar tal-iffirmar tal-istess skrittura, *ossia* fil-konfront ta' "Kaptana u First Officers preżentement impjegati mal-Air Malta p.l.c.", *cioè* fil-konfront tas-sitta u erbgħin (46) bdot attur f'din il-kawza.

L-obbligi assunti da parti tal-Gvern ta' Malta fil-konfront tal-istess membri tal-Assoċjazzjoni attriċi kienu meqjusin bħala strumentali u bħala *conditio sine qua non* għall-istess membri sabiex jiġi konkluż u ffirmat il-Ftehim Kollettiv surreferit. Fil-fatt, abbozz ta' tali ftehim kien ġie mressaq għal vot waqt laqgħa ġenerali tal-membri tal-Assoċjazzjoni attriċi (flimkien mal-abbozz finali tal-Ftehim Kollettiv surreferit), u dan wara li l-kontenut tal-istess ftehim kien ġie debitament negozjat ma' rappreżentanti tal-Gvern ta' Malta. Kien biss b'konsegwenza tal-

approvazzjoni ta’ tali ftehim mal-Gvern ta’ Malta li l-Assoċjazzjoni attriċi għażlet li tidħol fl-obbligi kuntrattwali derivanti mill-Ftehim Kollettiv konkluż u ffirmat mal-kumpanija Air Malta p.l.c.

Dan il-ftehim, kif redatt u kif konkluż mal-Gvern ta’ Malta, ma huwa soġġett għall-ebda fakultà jew diskrezzjoni, kif ukoll għall-ebda forma ta’ kondizzjoni riżoluttiva jew sospensiva.

Il-validità tal-obbligi kontenuti fl-istess skrittura kienu ġew rikonoxxuti ukoll mill-konvenut Onorevoli Prim Ministru Robert Abela, li kien parteċipi fin-negozjati relattivi kondotti dak iż-żmien, li, da parti tiegħu, kien iddikjara li “[i]l-piloti tal-AirMalta ser jicievu zidiet qawwija fis-salarju b’zieda ma’ beneficcji ohra biex jahdmu skont standards fl-industrija. Dan maghdud mal-impenn tal-garanzija ta’ xoghol. Nappella ghar-ragonevolezza biex l-AirMalta tibqa’ l-linja tal-ajru nazzjonali wahdiena taghna, u li dawn il-beneficcji u garanziji mwieghda lill-piloti ma jintremewx minnhom bin-nuqqas ta’ ffirmar tal-Ftehim Kollettiv.” (‘Dok. ALPA 3’)

Tali ftehim, *ossia* dak konkluż bejn l-Assoċjazzjoni attriċi u l-Gvern ta’ Malta nhar is-sitta u għoxrin ta’ Jannar tas-sena elfejn u tmintax (26.01.2018) (‘Dok. ALPA 2’), ġie ffirmat mill-Onorevoli Konrad Mizzi, fil-kwalità u fil-kapaċità tiegħu ta’ Ministru għat-Turiżmu, għan-nom u in rappreżentanza tal-istess Gvern ta’ Malta, liema Gvern daħal fl-imsemmija rabta kuntrattwali fil-kapaċità u fil-kwalità separata u distinta tiegħu in rappreżentanza tal-Istat Malti.

Il-Gvern ta’ Malta huwa l-azzjonist prinċipali u maġoritarju tal-kumpanija Air Malta p.l.c., *ossia* ta’ disgħa u disgħin punt disgħa fil-mija (99.9 %) tal-ishma tagħha (‘Dok. ALPA 4’ – ‘Dok. ALPA 5’).

Filwaqt li r-responsabilità għall-operat u għall-ġestjoni tal-kumpanija Air Malta p.l.c. kienet tifforma parti mid-dekasteru tal-Ministeru għat-Turiżmu meta ġiet konkluża u ffirmata l-iskrittura surreferita, tali responsablità ġiet sussegwentement trasferita lill-konvenut Ministru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar b’konsegwenza tar-*re-shuffle* fil-membri tal-

kabinett tal-Gvern ta' Malta fix-xahar ta' Jannar tas-sena elfejn u għoxrin (2020).

Il-Gvern ta' Malta jeżerċita kontroll effettiv fuq in-nomina u fuq l-għażla tal-membri tad-diriġenza tal-kumpanija Air Malta p.l.c., kif ukoll jiddiriġi u jagħti struzzjonijiet lill-membri tad-diriġenza tal-kumpanija Air Malta p.l.c. għar-rigward tal-proposti u tal-kontenut tan-negozjati kondotti bejn l-kumpanija Air Malta p.l.c. u l-Assoċjazzjoni attriċi.

Permezz ta' avviż datat sebgħa ta' April tas-sena elfejn u għoxrin (07.04.2020), il-kumpanija Air Malta p.l.c. kienet innotifikat lill-Assocjazzjoni attriċi, kif ukoll lid-Direttur Ġenerali tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impieg, bil-ħsieb tagħha li tiddikjara sensji kollettivi *ai termini* tar-Regolamenti dwar Sensji Kollettivi (Ħarsien ta' l-Impiegi) (Leġislazzjoni Sussidjarja 452.80) ('Dok. ALPA 6').

B'effett minn nhar it-tmienja ta' Ġunju tas-sena elfejn u għoxrin (08.06.2020), il-kumpanija Air Malta p.l.c. issensjat lil disgħa u sittin bdot (69) li, fil-maġġor parti tagħhom, kienu ilhom jaqdu id-doveri tagħhom mal-linja nazzjonali tal-ajru għal numru kbir (f'xi każijiet anke għal għexieren) ta' snin. Dan sar b'konswegwenza tal-komunikati li ntbagħtu lill-membri tal-Assoċjazzjoni attriċi nhar il-Ġimgħa, ħamsa ta' Ġunju (05.06.2020) għall-ħabta tal-ħdax ta' filgħaxija (23.00) ('Dok. ALPA 7'), kif ukoll b'konsegwenza tal-eżitu tal-proċeduri ġudizzjarji abbinati mal-Mandat ta' Inibizzjoni bin-numru '659/2020 TA', *ossia* tad-digriet relattiv mogħti mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-sitta u għoxrin ta' Ġunju tas-sena elfejn u għoxrin (26.06.2020) ('Dok. ALPA 8').

B'konsegwenza tat-terminazzjoni tal-impiegi surreferiti, il-bdoti atturi tħallsu s-salarju bażiku tagħhom sad-data tal-iskadenza tan-*notice period* relattiv għal kull wieħed minnhom, *ossia* sal-aħħar tax-xahar ta' Awissu tas-sena elfejn u għoxrin (31.08.2020).

Matul in-negozjati kondotti mal-kumpanija Air Malta p.l.c. *ai termini* tar-Regolamenti dwar Sensji Kollettivi (Ħarsien ta' l-Impiegi) (Leġislazzjoni Sussidjarja 452.80), l-Assoċjazzjoni

attriċi kienet interpellat lill-Gvern ta' Malta kemm-il darba, fosthom permezz tal-Protest Ġudizzjarju bin-numru 87/2020, ippreżentat nhar l-għoxrin ta' April tas-sena elfejn u għoxrin (20.04.2020) ('Dok. ALPA 9'), sabiex rappreżentanti tiegħu ikunu parteċipi fl-istess negozjati.

Dan, in vista tad-drittijiet li kienu ġew akkordati lill-membri tal-Assoċjazzjoni attriċi permezz tal-ftehim li kien ġie iffirmat mal-Gvern ta' Malta nhar is-sitta u għoxrin ta' Jannar tas-sena elfejn u tmintax (26.01.2018) ('Dok. ALPA 2'), kif ukoll in vista tal-impatt li tali drittijiet inevitabilment kellhom, u għad għandhom, fuq l-impieg tagħhom ġewwa Malta. Madankollu, tali interpellazzjonijiet ġew injorati.

Id-deċiżjoni li jiġi terminat l-impieg ta' disgħa u sittin (69) bdot ġiet ikkomunikata lill-bdoti atturi minkejja li ċ-*Chairman* tal-kumpanija Air Malta p.l.c, in-Nutar Carmel Mangion, kien ta il-kelma tiegħu lill-Kumitat Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni attriċi li l-istess kumpanija ma kienitx se tipproċedi bis-sensji prospettati minnha pendenti negozjati ġodda dwar il-futur tal-kumpanija, liema diskussjonijiet ġodda nbdew fil-bidu ta' Ġunju tas-sena elfejn u għoxrin (2020), u dan kif jirriżulta min-*Non-Disclosure Agreement* datat tnejn ta' Ġunju tas-sena elfejn u għoxrin (02.06.2020) ('Dok. ALPA 10').

Bl-istess mod, id-deċizjoni li jiġi terminat l-impieg ta' dawn il-bdoti ttieħdet minkejja li, waqt laqgħa li nżammet ġewwa l-Berġa ta' Kastilja nhar l-erbatax ta' Mejju tas-sena elfejn u għoxrin (14.05.2020), il-konvenut Prim Ministru kien irrikonoxxa l-eżistenza u l-validità tal-ftehim li kien ġie iffirmat bejn il-Gvern ta' Malta u l-Assoċjazzjoni attriċi nhar is-sitta u għoxrin ta' Jannar tas-sena elfejn u tmintax (26.01.2018) ('Dok. ALPA 2'). Waqt l-istess laqgħa, il-konvenut Ministru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar kien iddikjara wkoll li ma kinitx għadha teżisti l-intenzjoni li jsiru dawn is-sensji kollettivi, kif ukoll li l-kondizzjonijiet ta' impieg regolati permezz tal-Ftehim Kollettiv viġenti huma "kompetittivi".

Wara t-terminazzjoni tal-impiegi surreferiti, il-kumpanija Air Malta p.l.c. daħlet f'taħdidiet ġodda mal-Assoċjazzjoni attriċi bl-iskop li jiġu negozjati kondizzjonijiet tal-impieg ġodda, kif ukoll

Ftehim Kollettiv ġdid u/jew emendi għall-istess. Waqt dawn id-diskussjonijiet, il-membri tad-diriġenza tal-istess kumpanija, *qua* mandatarji tal-Gvern ta' Malta, ressqu proposti għan-nom tal-istess Gvern sabiex l-Assoċjazzjoni attriċi tirrinunzja għad-drittijiet li kienu ġew akkordati lill-membri tagħha permezz tal-ftehim iffirmat bejn l-istess Assoċjazzjoni u l-Gvern ta' Malta nhar is-sitta u għoxrin ta' Jannar tas-sena elfejn u tmintax (26.01.2018) ('Dok. ALPA 2'), u dan bħala *conditio sine qua non* għall-konklużjoni ta' kwalunkwe ftehim li setà talvolta jwassal għall-impieg mill-ġdid tas-sitta u disgħin (69) bdot surreferiti. Waqt dawn in-negozjati, il-membri tad-diriġenza ta' Air Malta p.l.c. ddikjaraw kemm-il darba li l-Gvern ta' Malta kien tahom struzzjonijiet sabiex tiġi 'ikkanċellata' u 'imħassra' din il-'garanzija ta' xogħol'.

Nhar it-tmintax ta' Awissu tas-sena elfejn u għoxrin (18.08.2020), l-Assoċjazzjoni attriċi infurmat lill-Air Malta p.l.c. li dawn in-negozjati kienu fallew in vista tal-fatt li l-'proposti finali' tal-istess kumpanija kienu ġew miċħuda minn sitta u disgħin fil-mija (96%) tal-voti tal-membri eleġibbli preżenti waqt il-laqgha staordinarja miżmuma nhar l-għaxra ta' Awissu tas-sena elfejn u għoxrin (10.08.2020) ('Dok. ALPA 11'). Dak inhar stess il-kumpanija ħarġet stqarrija għall-istampa, permezz ta' liema żvelat il-kontenut tal-maġġor parti tal-proposti li kienet għaddiet lill-Assoċjazzjoni attriċi bi struzzjonijiet ċari sabiex jittieħed vot fuq l-istess ('Dok. ALPA 12'). L-għada, *ossia* nhar id-dsatax ta' Awissu tas-sena elfejn u għoxrin (19.08.2020), l-Assoċjazzjoni attriċi rribattiet għad-dikjarazzjonijiet li kienet irrilaxxjat l-istess kumpanija u rrilevat li:

> "[…] the Association would like to set the record straight by explaining that Air Malta's statement that the said proposals would have 'secured' the employment of our members is false and misleading. The company has repeatedly stressed that the conclusion of an agreement is dependent on ALPA's renunciation to the rights contained in the Agreement entered into with the Government of Malta on 26th January, 2018. By means of such Agreement, the Government of Malta had provided work-related guarantees

> to the members of the Association, as well as a guarantee that the conditions of employment contained in the Collective Agreement currently in force would be safeguarded until the signing of a new Collective Agreement.
>
> The members of the Association are also particularly perplexed by the fact that, whereas the Government has provided financial assistance to businesses and employees negatively affected by the pandemic, it has failed in its duty to safeguard the employment of long-serving workers who have dedicated the best part of their lives to the national airline. The Government of Malta, as the main shareholder of the national airline, has therefore, also sanctioned the strategic use of negotiation tactics which run counter to core European and democratic values in an attempt at trampling on employee rights." ('Dok. ALPA 13')

Permezz ta' Kontro-Protest Ġudizzjarju bin-numru 256/2020 ('Dok. ALPA 14'), ippreżentat nhar l-erbatax ta' Awissu tas-sena elfejn u għoxrin (14.08.2020) għan-nom tal-Ministri konvenuti b'risposta għall-Protest Ġudizzjarju bin-numru 233/2020, intavolat mill-Assoċjazzjoni attriċi nhar il-ħamsa ta' Awwissu tas-sena elfejn u għoxrin (05.08.2020) ('Dok. ALPA 15'), il-Gvern ta' Malta ddikjara li "[m]a hemm xejn x'jobbliga lill-Gvern ta' Malta jiggarantixxi l-impieg ta' xi bdot mal-Air Malta, jew li b'xi mod għandu jwaqqaf jew jipprojbixxi t-terminazzjoni ta' impjieg ta' bdoti minn mal-Air Malta, inkluż ebda obbligu kuntrattwali f'dan is-sens. Laqgħat dwar ir-relazzjoni lavorattiva bejn il-bdoti u l-Air Malta għandha tiġi diskussa bejniethom biss."

Tali dikjarazzjoni tinjora għal kollox l-interpellazzjoni tal-Asssoċjazzjoni attriċi sabiex il-Ministri konvenuti jagħmlu "l-arranġamenti neċessarji sabiex jipprovdu lill-membri tagħha b'"xogħol ġo Malta u *take home pay* lill-piloti, skond il-kundizzjonijiet emerġenti mill-Ftehim Kollettiv' viġenti".

Wara l-preżentata tal-Protest Ġudizzjarju surreferit bin-numru 182/2020 ('Dok. ALPA 16'), kif ukoll il-preżentata tal-Protest Ġudizzjarju bin-numru 233/2020 ('Dok. ALPA 15'), il-kumpanija Malta Air Travel Limited (C 84358) bdiet tirreklama posizzjonijiet vakanti *tramite* il-kumpanija Brookfield Aviation International Limited, *pilot recruitment/placement agency* reġistrata ġewwa ir-Renju Unit ('Dok. ALPA 17').

Il-Gvern ta' Malta huwa l-azzjonist uniku u ewlieni tal-imsemmija kumpanija Malta Air Travel Limited, li teżerċita l-kummerċ taħt l-isem 'Malta Med Air' ('Dok. ALPA 18' – 'Dok. ALPA 19'). Din il-linja tal-ajru operat "l-ewwel titjira tagħha", *ossia* l-ewwel titjira taħt l-isem 'Malta Med Air', nhar l-ewwel ta' Awwissu tas-sena elfejn u għoxrin (01.08.2020).

Lejn l-aħħar tax-xahar ta' Lulju tas-sena elfejn u għoxrin (2020), il-kumpanija Malta Air Travel Limited ikkonduċiet numru ta' intervisti ma' bdoti, *ossia* membri tal-Assoċjazzjoni attriċi li kienu preċedentement impjegati mal-kumpanija Air Malta p.l.c. u li kienu ġew issensjati minnha, u dan bl-iskop li tingaġġa s-servizzi tagħhom bħala l-ewwel ħaddiema tagħha.

Sal-lum il-ġurnata l-kumpanija Malta Air Travel Limited ingaġġjat disà (9) bdoti sabiex joperaw it-titjiriet ġodda tagħha, *ossia* l-atturi Kaptan Carmelo Gauci [KI 317779 (M)], Kaptan Bernard Herrera [KI 201778 (M)], Kaptan Matthew Warrington [KI 193981 (M)], *First Officer* Marouska Attard [KI 125786 (M)], *First Officer* Chris Borġ Barthet [KI 292085 (M)] u *First Officer* Christopher Gatt [KI 94284 (M)], kif ukoll *First Officer* Matthew Ray Muscat [KI 3886 (G)] u *First Officer* Keith Murgo [KI 457480 (M)]. Dawn il-bdoti huma kollha membri tal-Assoċjazzjoni attriċi li tilfu l-impieg tagħhom mal-kumpanija Air Malta p.l.c.

Dan ix-xogħol ġie offrut lil dawn il-bdoti fil-kwalità tagħhom ta' 'self-employed/ sole trader' għall-perjodu ta' sitt (6) xhur, u, fil-fatt, il-kuntratt ippreżentat lilhom jipprovdi li "[t]he pilot will not be deemed to be an officer or agent, employee or servant of the Hirer or the Contractor." Tali relazzjoni tistà, saħansitra, tiġi tterminata minn kwalunkwe parti bi pre-avviż ta' xahar ('Dok. ALPA 20').

Nhar l-ewwel ta' Awwissu tas-sena elfejn u għoxrin (01.08.2020), il-konvenut Ministru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar iddikjara li l-'Malta Med Air' "se tkun qed topera numru ta' titjiriet skedati lejn destinazzjonijiet Ewropej' u li 'impjegat' numru ta' piloti u *cabin crew* għal dan il-għan. Hu stqarr ukoll li l-kumpanija Malta Air Travel Limited "għandha pjanijiet li tkompli tkabbar l-operat tagħha u żżid il-ħaddiema fil-ġimgħat li ġejjin" ('Dok. ALPA 21'). Dan ġie ddikjarat minnu minkejja li f'Marzu tas-sena elfejn u dsatax, il-predeċessur tiegħu, l-Onorevoli Konrad Mizzi *qua* Ministru għat-Turiżmu li kien iffirma l-ftehim datat sitta u għoxrin ta' Jannar tas-sena elfejn u tmintax (26.01.2018) ('Dok. ALPA 2') għan-nom u in rappreżentanza tal-Gvern ta' Malta, kien stqarr li l-Gvern ma kellu l-ebda pjanijiet li l-'Malta Med Air' issir "a fully-fledged airline" ('Dok. ALPA 22').

L-arranġament kuntrattwali offrut mill-imsemmija kumpanija, ġestita u kkontrollata minn persuni nominati u magħżulin mill-Gvern ta' Malta, huwa eżempju ċar ta' prekarjat, kif ukoll tentattiv sabiex il-Gvern inaqqar mid-drittijiet kollettivi u mill-kondizzjonijiet tal-impieg tal-membri tal-Assoċjazzjoni attriċi, *ossia* kemm dawk akkordati lilhom permezz tal-Ftehim Kollettiv viġenti konkluż mal-kumpanija Air Malta p.l.c ('Dok. ALPA 1'), dawk akkordati lilhom, *inter alia*, *ai termini* tal-Artikolu 31 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll dawk akkordati lilhom *ai termini* tal-Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta u *ai termini* tar-Regolamenti magħmulin taħtu.

Permezz ta' tali arranġamenti kuntrattwali il-Gvern ta' Malta qiegħed jaġixxi bi vjolazzjoni tal-obbligi tiegħu naxxenti mill-ftehim konkluż mal-Gvern ta' Malta nhar is-sitta u għoxrin ta' Jannar tas-sena elfejn u tmintax (26.01.2018) ('Dok. ALPA 2').

In-nuqqas ta' Gvern ta' Malta li jagħmel l-arranġamenti neċessarji sabiex iwettaq l-obbligi li kien assuma direttament fil-konfront tal-atturi permezz tal-imsemmi ftehim konkluż nhar is-sitta u għoxrin ta' Jannar tas-sena elfejn u tmintax (26.01.2018) ('Dok. ALPA 2'), kif ukoll l-aġir tiegħu bi vjolazzjoni tal-istess obbligi, sarraf fi preġudizzju u f'danni għall-istess membri tal-Assoċjazzjoni attriċi, konsistenti, *inter alia*, f'telf ta' xogħol ġewwa Malta, f'telf ta' salarji prospettivi u ta' *take home pay,* kif

regolati permezz tal-klawżoli relattivi fil-Ftehim Kollettiv preżentement fis-seħħ bejn l-Assoċjazzjoni attriċi u l-kumpanija Air Malta p.l.c. [senjatament mill-klawżola bin-numru ħmistax (15) u mill-'Appendix G' tal-istess] ('Dok. ALPA 1'), kif ukoll f'danni konsistenti fi spejjeż relattivi għat-taħriġ u għall-*medical examinations* neċessarji sabiex jibqgħu fis-seħħ u sabiex ikunu jistgħu jiġġeddu l-liċenzi tal-istess bdoti, kif ukoll fi spejjeż oħra relattivi għal '*flight crew licence renewals*', u dan kif se jirriżulta waqt is-smiegħ tal-kawża odjerna.

L-inadempjenza da parti tal-Gvern ta' Malta li jottempra ruħu mal-obbligi kuntrattwali tiegħu ssarraf ukoll fi preġudizzju serju għall-membri tal-Assoċjazzjoni attriċi stante li dawn il-bdoti se jkollhom jitilqu mill-pajjiż sabiex ifittxu xogħol barra minn xtutna.

Minkejja li interpellati kemm-il darba sabiex iwettqu l-obbligi assunti mill-Gvern ta' Malta fil-konfront tal-atturi permezz tal-konklużjoni tal-iskrittura datata sitta u għoxrin ta' Jannar tas-sena elfejn u tmintax (26.01.2018) ('Dok. ALPA 2'), fosthom permezz ta' Protest Ġudizzjarju bin-numru 182/2020 ippreżentat nhar it-tlieta ta' Lulju tas-sena elfjen u għoxrin (23.07.2020) ('Dok. ALPA 9'), u permezz ta' Protest Ġudizzjarju bin-numru 233/2020 intavolat nhar il-ħamsa ta' Awissu tas-sena elfejn u għoxrin (05.08.2020) ('Dok. ALPA 15'), il-konvenuti baqgħu inadempjenti.

Għalhekk, l-Assoċjazzjoni attriċi m'għad fadlilha l-ebda alternattiva oħra għajr li tintavola dawn il-proċeduri ġudizzjarji sabiex jiġu eżegwiti l-obbligi kuntrattwali li l-Gvern ta' Malta kien assuma fil-konfront tagħhom.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-konvenuti, jew min minnhom, huma obbligati li jonoraw l-obbligi kuntrattwali assunti mill-Gvern ta' Malta fil-konfront tal-atturi permezz tal-ftehim konkluż mal-Assoċjazzjoni attriċi nhar is-sitta u għoxrin ta' Jannar tas-sena elfejn u tmintax (26.01.2018) ('Dok. ALPA 2'), *ossia* l-obbligi kuntrattwali naxxenti mill-"garanzija ta' xogħol ġo

Malta u *take home pay* lill-piloti, skond il-kundizzjonijiet emerġenti mill-Ftehim Kollettiv iffirmat illum stess".

2. Tordna lill-konvenuti, jew min minnhom, għan-nom u in rappreżentanza tal-Gvern ta' Malta, sabiex, *entro* żmien qasir u perentorju prefiss għal dan il-għan, jonoraw l-obbligi assunti mill-Gvern ta' Malta fil-konfront tal-atturi permezz tal-ftehim konkluż mal-Assoċjazzjoni attriċi nhar is-sitta u għoxrin ta' Jannar tas-sena elfejn u tmintax (26.01.2018), *ossia* l-obbligu li l-istess Gvern "…jagħti […] xogħol ġo Malta u *take home pay* lill-piloti, skond il-kundizzjonijiet emerġenti mill-Ftehim Kollettiv iffirmat illum stess", u dan b'konsegwenza tal-akkoljiment tal-ewwel (1) talba suesposta.

3. Tiddikjara, b'konsegwenza tal-akkoljiment tat-tieni (2) talba suesposta, li l-konvenuti, jew min minnhom, għan-nom u in rappreżentanza tal-Gvern ta' Malta, huma responsabbli għad-danni fil-konfront tal-atturi sad-data li fiha jiġu onorati l-obbligi assunti fil-konfront tagħhom permezz tal-ftehim konkluż mal-Assoċjazzjoni attriċi nhar is-sitta u għoxrin ta' Jannar tas-sena elfejn u tmintax (26.01.2018), u dan b'riżerva għal kwalunkwe dritt ta' azzjoni ulterjuri u konsegwenzjali spettanti lill-Assoċjazzjoni attriċi in konnessjoni mal-likwidazzjoni u mal-kundanna għall-ħlas tal-istess danni.

4. Fin-nuqqas tal-akkoljiment tat-tieni (2) talba suesposta, tiddikjara li l-konvenuti, jew min minnhom, għan-nom u in rappreżentanza tal-Gvern ta' Malta, huma responsabbli għall-ħlas ta' danni lill-atturi b'konsegwenza tal-akkoljiment tal-ewwel (1) talba suesposta.

5. Tillikwida d-danni spettanti lill-atturi b'konsegwenza tal-akkoljiment tar-raba' (4) talba suesposta.

6. Tikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom, għan-nom u in rappreżentanza tal-Gvern ta' Malta, għall-ħlas tad-danni llikwidati permezz tal-akkoljiment tal-ħames (5) talba suesposta.

Bl-ispejjeż, inkluż dawk konnessi mal-Protest Ġudizzjarju bin-numru 182/2020 u mal-Protest Ġudizzjarju bin-numru 233/2020, bl-imgħax dovut fuq kwalunkwe ammont talvolta llikwidat b'konsegwenza tal-akkoljiment tat-talbiet tal-Assoċjazzjoni attriċi, b'riżerva għal kull azzjoni spettanti lill-atturi fil-konfront tal-konvenuti, jew fil-konfront ta' rappreżentanti oħra tal-Istat Malti, kif ukoll b'riżerva għal kull azzjoni oħra, ċivili, industrijali, penali, u kostituzzjonali fil-konfront ta' terzi interessati, u bl-inġunzjoni, minn issa, tal-konvenuti, u/jew ta' rappreżentanti tagħhom, għas-subizzjoni tagħhom.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta guramentata tal-Onorevoli Prim Ministru, tal-Onorevoli Ministru ghall-Ekonomija, Investimenti u Intraprizi Zghar u tal-Onorevoli Ministru ghat-Turizmu u ghall-Protezzjoni tal-Konsumatur, li permezz taghha gie eccepit illi:

Qabel xejn l-Association of Airline Pilots Malta (ALPA) trid tipprova li hija tabilħaqq għandha r-rappreżentanza ġudizzjarja tal-atturi l-oħra kollha sabiex hija setgħet tressaq din il-kawża f'isimhom. Hekk ukoll l-ALPA, biex setgħet tiftaħ din il-kawża, trid turi għall-għanijiet tal-**artikolu 1866 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**, li l-atturi kollha li hija qiegħda tirrapreżenta, jinsabu nieqsa minn Malta.

L-ALPA f'isimha stess m'għandhiex interess ġuridiku biex tissokta b'din il-kawża ladarba hija la qatt kienet impjegata mal-Airmalta p.l.c. u wisq aktar ma ġiet imwaqqfa minn fuq il-post tax-xogħol tagħha.

Lil hemm minn dan, l-ALPA ma kellhiex għalfejn tħarrek f'din il-kawża lill-Onorevoli Prim Ministru u lill-Onorevoli Ministru għat-Turiżmu u għall-Protezzjoni tal-Konsumatur, ladarba kif hija stess tgħid f'paragrafu 9 tar-rikors maħluf tagħha, l-Air Malta p.l.c. illum taqa' fid-dekasteru tal-Onorevoli Ministru għall-Ekonomija, Investimenti u Intrapriżi Żgħar. F'din il-kawża, il-Gvern ta' Malta jinsab biżżejjed rappreżentat mill-Onorevoli Ministru għall-Ekonomija, Investimenti u Intrapriżi Żgħar u

għalhekk iż-żewġ konvenuti l-oħra għandhom jiġu meħlusa mill-ħarsien tal-ġudizzju.

Dwar l-ewwel żewġ talbiet tar-rikorrenti, mhuwiex minnu li l-Gvern ta' Malta mhuwiex qiegħed jonora l-ftehim tas-26 ta' Jannar 2018. Anzi kontra dak li qed tgħid l-ALPA l-Gvern qiegħed jagħmel ħiltu kollha sabiex jipprova jasal għal soluzzjoni ġusta, li tkun tajba għall-partijiet kollha involuti (ara **Dok. ME1** hawn mehmuż). Dan kollu qiegħed isir fiċ-ċirkostanzi straordinarji li nħolqu f'Malta u fid-dinja kolha minħabba l-epidemija qerrieda tal-COVID-19.

F'kull każ, jaqa' fuq l-ALPA li turi li l-Gvern tassew qiegħed jonqos milli jħares l-obbligi li daħal għalihom bil-ftehim tas-26 ta' Jannar 2018. Fin-nuqqas ta' dan il-prova, l-ewwel u t-tieni talba tar-rikorrenti ma jistgħux jintlaqgħu.

Naturalment la l-Gvern mhuwiex qiegħed jonqos mill-obbligi kuntrattwali tiegħu, ir-rikorrenti ma jistgħux jitolbu d-danni. Jiġi b'hekk, li anke t-tielet, ir-raba', il-ħames u s-sitt talba tagħhom ma tistax tintlaqa'.

F'kull każ, il-Gvern ma jistax iwieġeb għad-danni għaliex fl-għemil tiegħu huwa dejjem mexa b'rieda tajba. Minbarra dan, ir-rikorrenti jrid jġibu prova tajba tad-danni li ġarrbu u kif ukoll li dawn id-danni kienu konsegwenza diretta ta' xi mġieba tal-intimati.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kollha kontra r-rikorrenti mħarrka minn issa għas-subizzjoni.

Rat id-dokument anness.

Rat in-nota ta' Maruska Attard li permezz taghha hija cediet l-atti tal-proceduri sa fejn jirrigwardaw lilha.

Semghet lid-difensuri jittrattaw l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-intimati.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-ewwel zewg eccezzjonijiet.

Ikkunsidrat illi permezz ta' dawn il-proceduri, Association of Airline Pilots Malta (ALPA) f'isimha u f'isem 46 membru taghha qeghda titlob lil din il-Qorti tikkundanna lill-Prim Ministru u lill-Ministri intimati biex jonoraw l-obbligi assunti mill-Gvern ta' Malta fil-ftehim milhuq bejn l-istess Gvern u ALPA fis-26 ta' Jannar 2018.

Il-Prim Ministru u l-Ministri intimati jilqghu ghall-kawza preliminarjament b'zewg eccezzjonijiet ta' xejra preliminari. Jishqu illi ALPA ma setghetx tiftah kawza ghan-nom tal-imsiehba taghha galadarba dawn kienu prezenti Malta. Jeccepixxu inoltre illi ALPA innifisha ma ghandhiex interess guridiku biex tissokta bil-kawza stante li hi qatt ma kienet impjegata ta' Airmalta plc u ghalhekk ma giet imwaqqfa minn ebda impieg.

Il-Qorti ser tibda billi tqis din it-tieni eccezzjoni. Tqis illi l-insenjament ta' dawn il-Qrati fejn jolqot l-element ta' interess guridiku li trid il-ligi jinsab assodat. Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha Formosa Gauci vs Lanfranco (28 ta' Novembru 2003) svolgiet rassenja tal-principji emergenti mill-gurisprudenza f'dan is-sens illi:

*(i)* *l-interess (guridiku) mehtieg irid ikun wiehed dirett, legittimu, kif ukoll attwali.*

*(ii)* *l-istat attwali ta' ksur ta' jedd jikkonsisti f'kundizzjoni pozittiva jew negattiva li xxejjen jew tinnewtralizza dritt li jkun jappartjeni lid-detentur jew lil dak li lilu jkun misthoqq.*

*(iii)* *l-interess guridiku fl-attur huwa dak li l-imharrek jirrifjuta li jaghraf il-jedd ta' l-istess attur u dan billi kull persuna ghandha d-dritt titlob li, fil-konfront taghha, isir haqq jew tigi msewwija ingustizzja li tkun giet maghmulha kontriha.*

*(iv)* *l-interess guridiku irid ikun iwassal ghal rizultat ta' utilità u vantagg ghal min irid jezercita l-jedd. Jekk l-*

*azzjoni ma tistax twassal ghal tali rizultat ghal min jibdiha, dik l-azzjoni ma tistax tregi.*

*(v)* *l-interess guridiku jrid jibqa' jissussisti matul il-hajja kollha ta' l-azzjoni, u mhux biss fil-bidu taghha. Jekk l-interess jintemm, il-konsegwenza immedjata tkun li l-imharrek jinheles milli jibqa' fil-kawza.*

*(vi)* *l-interess ta' l-attur* <u>*ghandu jkun jidher mill-att taccitazzjoni nnifisha*</u>*. Ghalkemm il-mottiv ta' l-interess mhux mehtieg li jkun imsemmi fic-citazzjoni, dan ghandu jirrizulta mill-provi jekk kemm-il darba jigi kkuntrastat.*

*(vii)* *fil-prattika gudizzjarja, wiehed jista' jippromuovi kawza biex jikseb dikjarazzjoni preordinata ghal azzjoni definittiva u ahharija, minkejja li din ma tkunx giet inkluza fl-azzjoni ta' accertament.* <u>*Madankollu*</u>*, f'kaz bhal dan, il-Qorti trid tkun soddisfatta li jkun hemm l-interess mehtieg, anki preordinat ghall-kawza l-ohra, u li d-dikjarazzjoni hekk miksuba tkun tifforma l-bazi tal-kawza l-ohra li tista' ssir aktar 'l quddiem.*

*(viii)* *l-interess mhux bilfors ikun wiehed li jigi kkwantifikat f'somma determinata ta' flus jew gid, imma jista' jkun imsejjes biex ihares jew jaghti gharfien ghal jedd morali jew soggettiv,* <u>*imbasta l-jedd invokat ma jkunx wiehed ipotetiku*</u>*.*

*(ix)* *jekk azzjoni, ghalkemm tkun imsejsa fuq jedd ta' l-attur, tkun mahsuba biss biex tirreka hsara lill-imharek bla ebda vantagg utli lill-attur tali azzjoni titqies bhala wahda illegali – azzjoni maghrufa fid-duttrina bhala wahda* <u>*acta ad aemulationem*</u> *– u titqies li fiha jkun jonqos l-interess guridiku mehtieg.*

Il-Qorti qieset il-fattispecie ta' dan il-kaz fid-dawl tal-fuq elenkati principji u ssib illi l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' interess guridiku ma tregix. Il-vertenza odjerna hija ppernjata fuq ftehim milhuq bejn ALPA u l-intimati fis-26 ta' Jannar 2018. Galadarba ALPA stess kienet parti fi ftehim ma jistax ragonevolment jinghad, fil-fehma

ta' din il-Qorti, illi ALPA ma ghandhiex l-interess guridiku mehtieg fi proceduri li qeghdin jissindakaw essenzjalment ir-rizultati ta' dak miftiehem minnha, ukoll jekk, finalment ALPA nnifisha mhijiex qed tfittex l-impieg imwieghed. Il-Qorti tirreferi mill-gdid ghall-para (viii) *"l-interess mhux bilfors ikun wiehed li jigi kkwantifikat f'somma determinata ta' flus jew gid, imma jista' jkun imsejjes biex ihares jew jaghti gharfien ghal jedd morali jew soggettiv, <u>imbasta l-jedd invokat ma jkunx wiehed ipotetiku</u>"* tal-fuq citata sentenza. Ghalhekk din l-eccezzjoni qeghda tigi michuda.

L-intimati Prim Ministru u Ministri jsostnu illi ALPA kellha tipprova li hija ghandha rapprezentanza gudizzjarja tal-atturi l-ohra u wkoll li ma setghetx tiftah kawza ghalihom galadarba dawn ma kienux neqsin minn Malta.

Il-Qorti tinnota illi, ghalkemm ma gietx formalment eccepita n-nullità tal-azzjoni minhabba din ir-raguni, huwa l-istess ezami li jrid isir minn din il-Qorti fi-kuntest.

> *"Illi jkun xieraq li jingħad mill-ewwel li l-każijiet li fihom l-eċċezzjoni tan-nullità ta' atti ġudizzjarji tista' tingħata huma dawk imsemmija fis-sub-artikolu (1) tal-artikolu 789 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Dawn l-erba' (4) każijiet imsemmija f'dak l-artikolu huma tassattivi, fis-sens li biex att ġudizzjarju jitqies ma jiswiex, l-ilment irid bilfors jaqa' taħt il-parametri ta' xi waħda minnhom."* – ITC Limited et vs LBM Breweries Limited deciza fl-20 ta' Ottubru 2005.

Fil-kaz in ezami l-intimati jistriehu fuq id-dettami tal-Art. 1866 tal-Kap. 16 li testwalment jipprovdi illi:

> *"Iżda, il-mandatarju ma jistax joqgħod fil-kawża, bħala attur jew konvenut, fl-isem tal-mandant, għalkemm dan ikun tah din is-setgħa, meta l-mandant innifsu ma jkunx nieqes mill-gżira li fiha l-kawża għandha ssir, bla ħsara dejjem ta' dak li jingħad fl-artikolu 786 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili: iżda mandatarju taħt mandat irrevokabbli mogħti bħala garanzija għat-twettiq ta' obbligazzjoni jista' jiftaħ kawża f'isem il-mandant*

*irrispettivament minn din id-dispożizzjoni sabiex jipproteġi jew jenforza d-drittijiet garantiti bil-mandat."*

Jirrizulta illi l-kawza giet intavolata, u hekk jaqra l-okkju, minn ALPA f'isimha proprju u ghan-nom u fl-interss ta' George Muscat, Matthew De Giorgio, Carmelo Gauci, Bernard Herrera, Matthew Warrington, Godfrey Borg, Omar Bugeja, Mario Zammit, Mark Andrew Attard, Shawn Abela, Antoinette Grech, Veronica Mizzi, Adriano Schembri, Sandro Mizzi, Clyde Haber, Karl Galea, Marco Lucia, Garrett Zerafa, Ryan Azzopardi, Jason Taliana, Shawn Camenzuli, Ramon Portelli, Simon Warrington, Ian Alexander, Malcolm Jones, Chris Borg Barthet, Giovanni Piscopo, Glenn Fenech, Glenn Charles Grech, Andrew Agius, Paul Sultana, Samuel Spiteri, Mariella Gatt, Marouska Attard, Malcolm Agius, René Cutajar, Josef Pirotta, Jeremy Scicluna, Byron Fenech, John De Carlo, André Manicolo, Robert Farrugia, Christopher Gatt, Kristian Mark, Robert Lautier, Stephen Schembri.

Jirrizulta wkoll illi ALPA kienet hekk awtorizzata mill-imsiehba taghha u dan gie konfermat mill-kopji ta' komunikazzjoni elettronika, esibiti in atti. Huwa indiskuss li, f'isimha proprju, ALPA sewwa bdietha l-kawza. Bhala wahda minn diversi atturi, kien ikun bizzejjed li l-istess rikors promotur jigi konfermat bil-gurament mir-rapprezentant taghha.

Issa l-ligi fl-Art. 180(1)(e) tal-Kap. 12 jipprovdi illi:

*"Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 181, il-preżentata tal-iskritturi tista' ssir -*

...

*(e) minn kull min ikun parti fil-kawża ma' ħaddieħor."*

Ghaldaqstant din il-Qorti tqis illi hija biss il-mod kif tnizzel l-okkju tal-kawza li jibqa' problematiku. Issa galadarba il-kawza kif mibdija minn ALPA f'isimha inbdiet korrettement u tenut kont tal-fatt illi l-istess imsiehba jistghu ragonevolment jitolbu li jithallew jidhlu fil-kawza galadarba l-istess tista' titqies li tikkoncernahom immedjatament, din il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tezercita l-poter moghti lilha bl-Art. 175 tal-Kap. 12 u

tordna li mill-okkju tal-kawza jithassru l-kliem "ghan-nom u fl-interess ta'". Tali tibdil ma huwa ser jirreka ebda pregudizzju lill-istess intimati galadarba l-istadju tal-proceduri ghadu bikri.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-Onorevoli Prim Ministru, Ministru tal-Ekonomija u Ministru ghat-Turizmu u ghall-Protezzjoni tal-Konsumatur, u tordna illi fl-okkju tal-kawza jithassru l-kliem "ghan-nom u fl-interess ta'".

L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.

IMHALLEF

DEP/REG